

Il-Ġurnal Uffiċjali L 303

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

23 ta' Novembru 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2287 tat-12 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2065 li jstabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed fir-rigward tal-estensjoni tal-eżenzjoni b'rata għolja ta' sopravivenza għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2288 tas-16 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2066 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-eżenzjoni marbuta mal-kapaċità għolja ta' sopravivenza għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-gandoffli ta' Venere (*Venus spp.*), għall-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) u għall-vongole (*Venerupis spp.*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran**..... 3
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2289 tat-18 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 fir-rigward ta' eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2023**..... 6
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2290 tad-19 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 fir-rigward ta' ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art fl-ilmijiet tal-Punent għall-2023** 12
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2291 tat-8 ta' Settembru 2022 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-eżaklorobenżen ⁽¹⁾** 19

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2287

tat-12 ta' Awwissu 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2065 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed fir-rigward tal-estensjoni tal-eżenzjoni b'rata għolja ta' sopravivenza għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet tal-ispeċijiet kollha li huma soġġetti għal-limiti fuq il-qbid. Skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017. Il-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed huwa wieħed minn dawk l-ispeċijiet.
- (2) Fl-20 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/87 ⁽²⁾ li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, li ppreveda eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun imperjali li jinqabad bl-għeżula tal-qieġh. Dan kien japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019. Fil-25 ta' Awwissu 2021, ġie adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2065 ⁽³⁾ li jistabbilixxi pjan ta' skartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, li japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fl-isfruttar tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed. Fit-12 ta' Frar 2021, dawk l-Istati Membri ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni, fejn talbu t-tiġdid tal-pjan għall-iskartar u għall-eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun imperjali li jinqabad bl-għeżula tal-qieġh fil-Baħar l-Iswed. Fil-15 ta' Lulju 2021, dawk l-Istati Membri ressqu rakkomandazzjoni konġunta aġġornata. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2065, fid-29 ta' April 2022 u fl-10 ta' Mejju 2022 dawk l-Istati Membri ressqu *data* addizzjonali dwar l-istimi tas-sopravivenza relatati mas-sajd bl-għeżula għall-barbun imperjali li jinqabad bl-għeżula tal-qieġh fil-Baħar l-Iswed.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/87 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 9).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2065, fil-25 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 14).

- (4) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (*) (“STECF”) ivvaluta r-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata mressqa u laqa’ l-isforzi li saru biex jitwettaq studju dwar is-sopravivenza tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed li ħares lejn il-vitalità tal-individwi maqbuda. L-STECF irrikonoxxa wkoll li d-*data* pprovduta hija siewja għall-valutazzjoni tas-sopravivenza tal-barbun imperjali. L-istudju li sar fl-ilmijiet Bulgari u Rumeni wera rata għolja ta’ vitalità (aktar minn 80 %) ta’ barbun imperjali maqbud f’għeżula tal-monofilamenti. F’dan il-kuntest, l-STECF ikkonkluda li s-sopravivenza hija għolja.
- (5) Fis-7 ta’ Lulju 2022, il-Bulgarija u r-Rumanija ressqu rakkomandazzjoni konġunta aġġornata dwar l-estensjoni tal-eżenzjoni ta’ sopravivenza għolja għall-barbun imperjali mill-obbligu ta’ ħatt l-art fil-Baħar l-Iswed għal sentejn.
- (6) Il-Kummissjoni tqis li l-evidenza ta’ sopravivenza murija fl-istudju msemmi hija għolja biżżejjed. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni skont l-Artikolu 15(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tiġi estiża. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2065 jiġi emendat skont dan.
- (7) Billi l-miżuri previsti f’dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-ippjanar ta’ dan l-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. F’konformità mar-rakkomandazzjonijiet konġunti u meta jitqies il-qafas ta’ żmien stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika f’data aktar tard;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2065 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta’ ħatt l-art skont il-punt (b) tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li dwarhom l-evidenza xjentifika turi rati għolja ta’ sopravivenza, għandha tapplika sal-31 ta’ Diċembru 2024 għall-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) li jinqabad bl-għeżula tal-qiegħ (GNS) fil-Baħar l-Iswed.”

- (2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jitħassar.

- (3) Fl-Artikolu 4, it-tieni sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2024.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

(*) Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Konġunti dwar l-obbligu ta’ ħatt l-art u dwar ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (STECF-22-05).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2288

tas-16 ta' Awwissu 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2066 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-eżenzjoni marbuta mal-kapaċità għolja ta' sopravivenza għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-gandoffli ta' Venere (*Venus spp.*), għall-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) u għall-vongole (*Venerupis spp.*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2066 ⁽²⁾ jipprevedi l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (2) Fid-9 ta' Mejju 2022, Spanja, Franza u l-Italja (il-“Grupp ta' Livell Għoli Pescamed”), ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta li tipproponi l-estensjoni ta' ċerti eżenzjonijiet tal-obbligu ta' ħatt l-art għas-sajd demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran, li qiesu l-fehmiet tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran.
- (3) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (“STECF”) evalwa r-rakkomandazzjoni konġunta bejn is-16 u l-20 ta' Mejju 2022 ⁽³⁾.
- (4) Fit-8 ta' Lulju 2022, il-Grupp ta' Livell Għoli Pescamed ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta aġġornata, li l-STECF evalwa wkoll.
- (5) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjoni konġunta tat-8 ta' Lulju 2022 fid-dawl tal-valutazzjoni tal-STECF biex tiżgura li din tkun kompatibbli mal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti, inkluż l-obbligu ta' ħatt l-art.
- (6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tat-8 ta' Lulju 2022 tipproponi li jiġu estżi l-eżenzjonijiet marbuta mal-kapaċità għolja ta' sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, stabbiliti għall-gandoffli ta' Venere (*Venus spp.*), għall-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) u għall-vongole (*Venerupis spp.*) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati.
- (7) Fir-rigward tal-gandoffli ta' Venere (*Venus spp.*), l-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' appoġġ tipprovdi stimi robusti ta' kapaċità għolja ta' sopravivenza. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li jenhtiegħ li l-eżenzjoni tiġi estżta.

⁽¹⁾ ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2066 tal-25 ta' Awwissu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 17).

⁽³⁾ Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Konġunti dwar l-obbligu ta' ħatt l-art u dwar ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (STECF-22-05).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (8) Rigward l-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) u l-vongole (*Venerupis* spp.), l-STEFC enfażizza li ġiet ippreżentata evidenza addizzjonali fir-rigward tal-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*). Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-eżistenza ta' studji u pubblikazzjonijiet xjentifiċi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ speċijiet u ta' speċijiet bivalvi simili oħra li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati f'baċiri tal-baħar oħrajn u li fil-passat ġew ivvalutati mill-STEFC. Fir-rigward tas-similaritajiet mal-arzelli tal-pellegrini tal-Punent tal-Mediterran (*Pecten jacobaeus*) u l-vongole (*Venerupis* spp.), il-kapaċità għolja ta' sopravivenza probabbli ta' dawk l-ispeċijiet għandha tiġi kkunsidrata fir-rigward ta' dawn iż-żewġ speċijiet filwaqt li l-Istati Membri jintalbu jiżviluppaw studji fil-Punent tal-Mediterran.
- (9) Peress li l-evidenza dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) u l-vongole (*Venerupis* spp.) mhijiex konklużiva u l-STEFC ikkonkluda li jeħtieġ li tiġi pprovduta aktar evidenza xjentifika dwar il-kapaċità ta' sopravivenza għal dawk l-ispeċijiet bivalvi fil-Punent tal-Baħar Mediterran, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża biss għal perjodu qasir. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw l-evidenza xjentifika rilevanti biex l-STEFC jevalwaha.
- (10) L-Istati Membri kkonċernati ġedded l-impenn tagħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tat-8 ta' Lulju 2022 biex iżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd f'konformità mar-riżultati tal-programmi ta' riċerka attwali sabiex inaqqsu u jillimitaw il-qabdiet mhux mixtieqa u partikolarment il-qabdiet b'daqsijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.
- (11) Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tat-8 ta' Lulju 2022 l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll li jidentifikaw aktar żoni ta' għeluq sabiex inaqqsu l-mortalità tal-ħut li għadu qed jikber, fejn ikun hemm evidenza ta' kkonċentrazzjoni għolja ta' ħut li għadu qed jikber.
- (12) Il-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tat-8 ta' Lulju 2022 huma konformi mal-Artikolu 15(4), mal-Artikolu 15(5), il-punt (b), u mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2066 jiġi emendat skont dan.
- (13) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Madankollu jenħtieġ li japplika minn data aktar tard,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2066 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“(a) għall-arzelli tal-pellegrini (*Pecten jacobaeus*) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2023;

(b) għall-vongole (*Venerupis* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2023;

(c) għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2024;”

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Sal-1 ta' Mejju tal-2022 u tal-2023, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni *data* addizzjonali dwar l-iskartar u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li jappoġġaw l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b). L-STEFC għandu jivvaluta *d-data* u l-informazzjoni ppreżentati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2289**tat-18 ta' Awwissu 2022****li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 fir-rigward ta' eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2023**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 ⁽²⁾ jipprovdi dettalji dwar kif jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021-2023.
- (2) Skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2014, ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art huma applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2022. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett kellihom jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, evidenza xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") għandu jivvaluta l-evidenza sottomessa pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022.
- (3) Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja ("il-Grupp ta' Scheveningen"), wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana ("NSAC") u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi ("PELAC"), issottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2022.
- (4) L-STECF irrieżamina ⁽³⁾ r-rakkomandazzjoni konġunta bejn is-16 u l-20 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' att delegat lill-Grupp ta' Esperti għas-Sajd u l-Akkwakultura magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri fl-20 ta' Lulju 2022 f'laqgħa li għaliha attenda l-Parlament Ewropew bħala osservatur.
- (5) L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) sal-31 ta' Diċembru 2022, maqbud bi xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'manka ta' 80 mm jew akbar fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES").
- (6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (7) L-STECF innota li kemm il-qabdiet kif ukoll ir-rimi juru xejra ta' tnaqqis f'dawn l-aħħar snin. L-STECF irrikonoxxa li l-parir tal-ICES jindika li l-istokk tal-barbun imperjali fil-Baħar tat-Tramuntana huwa f'kundizzjoni tajba u li l-impatt tal-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023 ikun limitat, minħabba l-livell baxx ta' rimi, u jekk wieħed jassumi rati ta' sopravivenza fil-medda ta' 38 % sa 75 %. L-STECF osserva wkoll it-tneġġija ta' proġett ta' riċerka dwar is-sopravivenza tal-barbun imperjali, li r-riżultati preliminari tiegħu fl-2023 huma mistennija li jkunu rilevanti għal din l-eżenzjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 10).

⁽³⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/26710926/STECF+22-05+-+Eval+JRs+Lo+and+TM.pdf/68ecb905-d160-41d8-b784-70ec5ce74c15>

- (8) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ li għalhekk l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan se jippermetti wkoll żmien suffiċjenti għat-tlestija tal-proġett ta' riċerka li għaddejj li għandu l-għan li jtejjeb l-informazzjoni dwar l-iskartar u s-sopravivenza tal-barbun imperjali. L-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw ir-riżultati ta' dan il-proġett għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023.
- (9) L-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni tas-sopravivenza sal-31 ta' Diċembru 2022 għall-kavalli u l-aringi li jinqabdu bit-tartaruni tal-borża skont ċerti kundizzjonijiet relatati mat-tagħmir tal-bastiment u ma' rkaptu b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' dokumentazzjoni, it-twaħħil tal-irkaptu, u rilaxx tal-qabdiet fid-diviżjonijiet 2a, 3a u s-subżona 4 tal-ICES.
- (10) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (11) L-STEFC innota li, fin-nuqqas ta' informazzjoni ta' appoġġ għida, l-istimi tas-sopravivenza ta' 70 % għall-kavalli u l-aringi rrapportati fl-STEFC PLEN 14-02 jibqgħu validi. L-STEFC irrikonoxxa wkoll ir-rilevanza tal-koerenza temporali fl-estensjoni ta' eżenzjonijiet simili bejn l-Ilmijiet tal-Majjistral u tal-Baħar tat-Tramuntana ġirien. L-STEFC enfasizza wkoll li l-għoti tal-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023 jenħtieġ li jkun soġġett għal evalwazzjoni ulterjuri bħala parti mir-rieżami usa' tal-obbligu ta' ħatt l-art ippanat għall-2023, sabiex jiġi vvalutat jekk l-istimi ta' sopravivenza għadhomx validi, l-impatt tal-eżenzjoni fuq l-istokkijiet u l-użu tiegħu mill-flotot ikkonċernati.
- (12) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan se jiżgura wkoll l-allinjament u l-konsistenza bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Majjistral. L-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw *data* addizzjonali dwar is-sopravivenza tal-kavalli u tal-aringi għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, sabiex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (13) L-Artikolu 11(10) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità ta' merlangu taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qieġ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN, SSC) b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES.
- (14) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (15) L-STEFC innota li, għalkemm id-*data* pprovduta tirreferi għal żona ħafna usa' minn dik tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES, l-eżenzjoni tidher li tkopri biss parti mill-qabdiet mhux mixtieqa u għalhekk it-titjib tas-selettività jenħtieġ li jibqa' prijorità. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li l-istudji li għaddejjin dwar l-imġiba tal-ħut għad-dawl imwettqa minn Stati Membri differenti f'sajd differenti joħlqu possibbiltajiet ġodda għal provi ta' selettività sabiex jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u biex titħeġġeġ aktar ħidma fuq dan il-qasam ta' riċerka, li r-riżultati tagħhom jenħtieġ li jinġabru sabiex jiġi identifikat is-sajd fejn tali teknoloġija tista' tintuża bl-aħjar mod.
- (16) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, li se tippermetti wkoll żmien suffiċjenti għat-tlestija tal-istudji li għaddejjin dwar l-imġiba tal-ħut għad-dawl. L-Istati Membri huma mitlubin jissottomettu r-riżultati ta' dawn l-istudji għal valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023.
- (17) L-Artikolu 11(12) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità kkombinata ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangi li jinqabdu fis-sajd pelaġiku minn bastimenti tat-tkarkir pelaġiku sa 25 metru fit-tul b'mod ġenerali, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi (OTM/PTM), u li għandu fil-mira tiegħu l-kavalli, is-sawrell u l-aringi fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES fin-Nofsinar ta' 54 grad fit-Tramuntana.
- (18) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.

- (19) L-STEFC irrikonoxxa li t-titjib ulterjuri tas-selettività jkun diffiċli u l-issortjar tal-qabdiet ikollu kostijiet għoljin minħabba n-natura tal-ispeċijiet u tas-sajd involuti. L-STEFC innota wkoll il-varjabbiltà interannwali fil-kompożizzjoni tal-qabdiet u fil-livelli tal-iskartar tal-ħut u enfasizza d-diffikultà fil-monitoraġġ tal-iskartar tal-ħut skont din l-eżenzjoni, minħabba li l-bastimenti jistgħu jużaw irkapti differenti matul l-istess vjaġġ tas-sajd.
- (20) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan jippermetti wkoll biżżejjed żmien sabiex jittejjeb il-monitoraġġ u sabiex tinġabar informazzjoni addizzjonali dwar il-qabdiet u l-qbid skartat separati għal kull tip ta' rkaptu użat minn din il-flotta. L-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw din l-informazzjoni addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023.
- (21) L-Artikolu 11(13) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità kkombinata ta' laċċa kaħla, ċiċċirell, merluzz tan-Norveġja u stokkafixx li jinqabdu fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB, TBN) b'daqs tal-malja ta' aktar minn 80 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES u fis-sajd għall-gambli tat-Tramuntana bl-użu ta' rkaptu bi gradilja selettiva bi spazju massimu bejn il-vireg ta' 19 mm jew b'apparat ta' selettività ekwivalenti u b'apparat għaż-żamma tal-ħut b'daqs tal-malja ta' aktar minn 35 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u 32 mm fis-subżona 4 tal-ICES.
- (22) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (23) L-STEFC innota li l-qabdiet inċidentali ta' dawk l-ispeċijiet industrijali huma baxxi ħafna fis-sajd demersali għall-konsum mill-bniedem. L-STEFC irrikonoxxa wkoll id-diffikultà li tkompli tittejjeb is-selettività f'dan is-sajd.
- (24) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (25) L-Artikolu 11(14) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità ta' lipp (*Molva molva*) taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, maqbuda fis-sajd demersali għall-merluzz bl-użu ta' konzijiet (LLS) fis-subżona 4 tal-ICES.
- (26) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (27) L-STEFC innota li l-informazzjoni pprovduta tirrapporta rimi baxx ta' ling fis-sajd bil-konz, li jindika ftit impatt fuq l-istokk. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li d-diffikultajiet fit-titjib ulterjuri tas-selettività huma kredibbli minħabba n-natura tas-sajd u l-iskartar pjuttost baxx kopert mill-eżenzjoni.
- (28) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (29) L-Artikolu 11(15) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità ta' sawrell (*Trachurus spp.*) maqbuda fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES.
- (30) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (31) L-STEFC innota li r-rimi f'dan is-sajd huwa kbir u din l-eżenzjoni tidher li tkopri biss parti mill-qabdiet mhux mixtieqa, u għalhekk it-titjib ulterjuri tas-selettività jenħtieġ li jibqa' prijorità. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li għalkemm abbażi tal-medja tal-qbid skartat matul il-perjodu ta' bejn l-2013 u l-2016, il-kostijiet smati għall-ħatt l-art ta' qabdiet mhux mixtieqa ta' sawrell huma sinifikanti.
- (32) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan se jippermetti wkoll żmien biżżejjed sabiex jiġi ttestjat aktar titjib fis-selettività tal-irkaptu u sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħhom mill-flotot involuti f'dan is-sajd imħallat. L-Istati Membri huma mitluba jwettqu provi ġodda ta' selettività u jissottomettu informazzjoni rilevanti u aġġornata addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, sabiex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.

- (33) L-Artikolu 11(16) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità ta' kavalli (*Scomber scombrus*) li jinqabdu fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES.
- (34) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (35) L-STEFC innota li r-rimi f'dan is-sajd huwa kbir u għalhekk it-titjib ulterjuri tas-selettività jenħtieġ li jibqa' prijorità. Madankollu, l-STEFC irrikonoxxa wkoll id-diffikultà li tittejjeb is-selettività mingħajr ma jiġi kkawżat telf kummerċjali sinifikanti għal bastimenti li joperaw f'sajd imħallat bħal dan.
- (36) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, u dan se jippermetti wkoll żmien biżżejjed sabiex jiġi ttestjat aktar titjib fis-selettività tal-irkaptu u sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħhom mill-flotot involuti f'dan is-sajd imħallat. L-Istati Membri huma mitluba jwettqu provi ġodda ta' selettività u jissottomettu informazzjoni rilevanti u aġġornata addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, sabiex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (37) L-Artikolu 11(17) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jagħti eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għal kwantità ta' stokkafixx (*Micromesistius poutassou*) li jinqabad fis-sajd industrijali tat-tkarkir pelaġiku li għandu din l-ispeċi fil-mira tiegħu fis-subżona 4 tal-ICES, u li jipproċessah abbord sabiex tinkiseb bażi ta' surimi.
- (38) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (39) L-STEFC innota li l-qabdiet mhux mixtieqa tal-istokkafixx fis-sajd pelaġiku industrijali huma relattivament żgħar u mhux se jkollhom impatt fuq l-istokk ġenerali. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li t-titjib ulterjuri tas-selettività jista' jwassal għal mortalità mhux meqjusa fir-rendikont minħabba s-sopravivenza baxxa probabbli tal-merlangu blu li jaħrab. Barra minn hekk, l-STEFC innota l-kostijiet tal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa abbord.
- (40) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (41) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet eżenzjoni *de minimis* ġdida għal kwantità ta' gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) li jinqabad fis-sajd demersali bix-xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB, TBN) b'daqsijiet tal-malja ta' aktar minn 70 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES mgħammra bi gradilja selettiva bi spazju massimu bejn il-vireg ta' 35 mm jew b'apparat ta' selettività ekwivalenti, u ta' aktar minn 80 mm fis-subżona 4 tal-ICES.
- (42) L-STEFC innota li, minħabba r-rati u l-volumi baxxi ta' rimi, l-impatt tal-eżenzjoni x'aktarx li jkun minimu fil-kuntest ġenerali tas-sajd. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li huwa diffiċli li fil-prattika tinkiseb aktar selettività sabiex titnaqqas din il-qabda inċidentali żgħira.
- (43) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sad-data ta' skadenza tal-pjan għall-iskartar fil-31 ta' Diċembru 2023.
- (44) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitàjiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikoli 8(2) u 10(6) jiġihassru;

2. l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(10) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN, SSC) b'daqs tal-malja ta' 70 sa 99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES:

kwantità ta' merlangu taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, li ma għandhiex taqbeż l-4 % tal-qabdiet annwali totali ta' merlangu;”;

(b) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(12) fis-sajd pelaġiku mwettaq minn bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi b'tul kumplessiv sa 25 metru, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM/PTM), u li għandu fil-mira tiegħu kavalli, sawrell u aringi fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 54 grad tat-Tramuntana;

kwantità kkombinata ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangu li ma għandhiex taqbeż il-1 % tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangu;”;

(c) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(13) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB, TBN) b'daqs tal-malja ta' aktar minn 80 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana li jsir bl-użu ta' rkaptu immuntat bi gradilja selettiva li jkollha spazju massimu ta' 19-il mm bejn il-vireg jew b'apparat ekwivalenti tas-selettività u b'apparat għaż-żamma tal-ħut b'daqs tal-malja ta' aktar minn 35 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u ta' aktar minn 32 mm fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' laċċa kaħla, ċiċċirella, merluzz tan-Norveġja u stokkafixx, li ma għandhiex taqbeż il-1 % tal-qabdiet annwali totali magħmula fis-sajd demersali mħallat u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana;”;

(d) il-punt (14) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(14) fis-sajd demersali għall-merluzz minn bastimenti li jużaw il-konzijiet (LLS) fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' ling (*Molva molva*) li jkun iżgħar mid-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, li ma għandhiex taqbeż it-3 % tal-qabdiet annwali totali ta' ling f'dak is-sajd demersali;”;

(e) il-punt (15) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(15) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità ta' sawrell (*Trachurus spp.*), li ma għandhiex taqbeż is-6 % fl-2021 u fl-2022 u l-5 % fl-2023 tal-qabdiet annwali totali tas-sawrell magħmula f'dak is-sajd;”;

(f) il-punt (16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(16) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità ta' kavalli (*Scomber scombrus*), li ma għandhiex taqbeż is-6 % fl-2021 u l-2022 u l-5 % fl-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli magħmula f'dak is-sajd;”;

(g) il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(17) fis-sajd industrijali b'bastiment tat-tkarkir pelaġiku li għandu l-istokkafixx fil-mira tiegħu fis-subżona 4 tal-ICES u l-ipproċessar ta' dik l-ispeċi abbord sabiex tinkiseb bażi ta' surimi:

kwantità ta' stokkafixx (*Micromesistius poutassou*), li ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-qabdiet annwali totali ta' stokkafixx;”;

(h) jiżdied il-punt (18) li ġej:

“(18) fis-sajd demersali bix-xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB, TBN) b'daqg tal-malja ta' aktar minn 70 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES mgħammra bi gradilja selettiva bi spazju massimu bejn il-vireg ta' 35 mm jew b'apparat ta' selettività ekwivalenti, u ta' aktar minn 80 mm fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*), li ma għandhiex taqbeż iż-0,01 % tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli f'dak it-tip ta' sajd.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2290**tad-19 ta' Awwissu 2022****li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 fir-rigward ta' ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art fl-ilmijiet tal-Punent għall-2023**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008⁽¹⁾ u, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2015⁽²⁾ jipprovdi dettalji dwar kif għandu jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023.
- (2) Skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015, ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art huma applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett kollhom iressqu, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") kellu jivvaluta l-evidenza mressqa sal-31 ta' Lulju 2022.
- (3) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza u n-Netherlands - "l-Istati Membri tal-NWW") ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2022. Fil-25 ta' Lulju 2022 tressqet verżjoni riveduta tar-rakkomandazzjoni konġunta.
- (4) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet eżenzjoni tas-sopravivenza għolja ġdida għal-lingwata inqas mid-daqs ta' referenza għall-konservazzjoni minima (MCRS) li tinqabad fid-diviżjoni 7e tal-ICES minn bastimenti b'tul inqas minn 12-il metru u li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qieġ bid-diriġenti ("OTB"), sa sitt mili nawtiċi mill-kosta iżda barra miż-żoni ta' tkabbir identifikati, b'daqs tal-malja tal-manka akbar minn 80 mm.
- (5) L-STECF innota l-ammont sinifikanti ta' informazzjoni u kjarifiki riċevuti biex tiġi appoġġata din l-eżenzjoni u rrikonoxxa l-livell baxx ta' volumi ta' qbid skartat fis-sajd.
- (6) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STECF, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet ukoll eżenzjoni *de minimis* ġdida għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw irkaptu b'xibka tat-tkarkir bi travu TBB b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm mgħammra b'pannell Fjamming, biex jaqbd u l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 7j u 7k tal-ICES.
- (8) L-STECF innota t-titjib miksub bl-implimentazzjoni ta' rkapti aktar selettivi u t-tnaqqis fil-qabdiet mhux mixtieqa ta' ħut taħt id-daqs minimu. Il-volum attwali tal-qbid skartat huwa minimu. L-STECF innota wkoll li hemm pjanijiet li għaddejjin biex jittejjeb l-għarfien dwar l-istokk permezz ta' studji ġenetiċi li jstgħu jirriżultaw f'fhejm aħjar tal-limiti tal-istokk u tad-daqs tal-istokk. L-STECF ikkunsidra li dan jgħin biex jiġi ddefinit l-impatt tas-sajd u għalhekk jiffoka l-impatt tal-miżuri ta' ġestjoni bħall-eżenzjonijiet mitluba fuq l-obbligu ta' ħatt l-art.

⁽¹⁾ ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2015 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 22).

- (9) Minħabba d-diffikultajiet biex tiżdied ulterjorment is-selettività u l-volum minimu ta' qbid skartat identifikat mill-STEFC, l-eżenzjoni jenħtieġ għalhekk li tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, li se tippermetti wkoll lill-Istati Membri jipproċedu bl-istudji rilevanti li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal għarfien imtejjeb dwar l-istokk.
- (10) L-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (UE) 2020/2015, ta de minimis għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 5 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew akbar (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBN, TBS, TB, TX), xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) u xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES;
- (11) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni ta' din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023 biex tiġi applikata fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES.
- (12) L-STEFC innota li fin-nuqqas ta' *data* dwar il-qabdiet għall-Istati Membri kollha involuti fil-flotta, ma huwiex possibbli li jiġi vvalutat bis-sħiħ l-impatt tal-eżenzjoni iżda jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi mill-Istati Membri fl-NWW biex tittejjeb is-selettività fis-sajd rilevanti. Madankollu, l-STEFC itenni li t-tnaqqis tal-mortalità mis-sajd għall-merlangu tal-Baħar Ċeltiku jenħtieġ li jkun prijorità.
- (13) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom u b'mod partikolari minħabba l-ambitu ġeografiku limitat (id-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES) tal-eżenzjoni riveduta, li, meta mqabbel mal-aħħar sentejn, ma jinkludix iż-żoni tas-sajd (id-diviżjonijiet 7b, 7c u 7f sa 7k tal-ICES), fejn jinqabad il-merlangu tal-Baħar Ċeltiku u jillimitahom għal żoni fejn jinqabad l-aktar il-merlangu tal-Baħar tat-Tramuntana, l-eżenzjoni jenħtieġ għalhekk li tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, u bil-għan li jiġi żgurat li din l-eżenzjoni tiġi mmonitorjata mill-qrib, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw monitoraġġ strett tal-eżenzjoni u jiġbru d-*data* rilevanti dwar il-qbid skartat li għandha tiġi mressqa lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Mejju 2023.
- (14) L-Artikolu 13(1)(g) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni *de minimis* għal megrim (*Lepidorhombus* spp.) inqas mill-MCRS, sa massimu ta' 4 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dawk l-ispeċijiet minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm (BT2) fis-subżona 7 tal-ICES, u bl-użu tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) fil-kundizzjonijiet li ġejjin:
- fid-diviżjonijiet 7f, 7g tal-ICES, il-parti ta' 7h fit-Tramuntana tal-latitudni 49° 30' N u l-parti ta' 7j N tal-latitudni 49° 30' fit-Tramuntana u fil-Lvant tal-lonġitudni 11° W, għal bastimenti TR2 b'qabdiet li jikkonsistu f'aktar minn 55 % ta' merlangu jew 55 % ta' petriċa, merluzz jew megrim flimkien;
 - fis-subżona 7 tal-ICES, barra ż-żona msemmija hawn fuq, għal bastimenti TR2.
- (15) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (16) L-STEFC innota li l-impatt tal-eżenzjoni kien limitat u li l-evidenza supplimentari mressqa mill-Istati Membri tal-NWW turi l-volum limitat ta' qbid skartat iġġenerat minn parti mill-flotot koperti minn din l-eżenzjoni.
- (17) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li magħhom taqbel il-Kummissjoni, l-eżenzjoni jenħtieġ għalhekk li tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, li se tippermetti wkoll biżżejjed żmien biex tinġabar informazzjoni addizzjonali dwar il-qabdiet u l-qbid skartat separati għal flotot inqas dokumentati tajjeb. L-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw din l-informazzjoni addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023.
- (18) L-Artikolu (13)(1)(h) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm (BT2) b'żieda fis-selettività (pannell Fjamming) fid-diviżjoni 7a tal-ICES.
- (19) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (20) L-STEFC innota li t-titjib miksub bl-implimentazzjoni ta' rkapti aktar selettivi wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-qabdiet mhux mixtieqa ta' ħut taħt id-daqs minimu u fil-volumi ta' qbid skartat li bħalissa huma minimi.

- (21) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (22) L-Artikolu 13(1)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għall-minfaħ (*Caprus apher*) li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjonijiet 7b sa 7c u 7f sa 7k tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (23) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (24) L-STEFC irrikonoxxa li l-irkapti tal-ittejtjar biex tittejtjab is-selettività għall-minfaħ biss hija ta' sfida. Għalhekk, l-STEFC innota li se jkun diffiċli li tittejtjab aktar selettività għal din l-ispeċi u se jkun diffiċli li din tinkiseb mingħajr ma l-flotot ikkonċernati jkollhom iġarrbu kostijiet sproorzjonati.
- (25) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (26) L-Artikolu 13(1)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni *de minimis* għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), sa massimu ta' 5 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi li tinqabad:
- minn bastimenti li joperaw b'daqs tal-malja ta' 100 mm jew akbar għax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha, għat-tartaruni (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN SPR, SX, SV, TBN, TBS, TB, TX) fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7e sa 7k tal-ICES b'qabdiet li jinkludu mhux aktar minn 30 % ta' skampu u li jeskludu x-xbieki tat-tkarkir bi travu;
 - minn bastimenti li joperaw b'daqsijiet tal-malja ta' 80 mm jew akbar fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7e sa 7k tal-ICES b'qabdiet li jinkludu aktar minn 30 % ta' skampu;
 - minn bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir bi travu li jużaw daqsijiet tal-malja ta' 80 mm jew akbar fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7e sa 7k tal-ICES flimkien mal-użu ta' pannell Fjamming.
- (27) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (28) L-STEFC innota kemm l-isforzi kontinwi mill-Istati Membri tal-NWW biex itejbu s-selettività fis-sajd rilevanti kif ukoll l-introduzzjoni ta' rkapti aktar selettivi fil-Baħar Ċeltiku. L-STEFC innota wkoll li se jkun diffiċli li tkompli tittejtjab is-selettività għal din l-ispeċi.
- (29) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, u bil-għan li jiġi żgurat li din l-eżenzjoni tiġi mmonitorjata mill-qrib, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw monitoraġġ strett tal-eżenzjoni u jiġbru d-*data* rilevanti dwar il-qbid skartat li għandha tiġi mressqa lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Mejju 2023.
- (30) L-Artikolu (13)(1)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* sal-31 ta' Diċembru 2022 għall-argentina kbira (*Arġentina silus*), li tinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 100 mm jew akbar (TR1) fid-diviżjoni 5b tal-ICES (ilmijiet tal-UE) u fis-subżona 6 tal-ICES, sa 0,6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi mill-irkapti kollha f'dawk iż-żoni.
- (31) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (32) L-STEFC innota li l-livell baxx ta' qbid skartat irrapportat jindika li l-impatt ta' din l-eżenzjoni x'aktarx li jkun baxx. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jinkiseb titjib fil-miżuri ta' selettività mingħajr ma l-flotot ikkonċernati iġarrbu kostijiet sproorzjonati. Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (33) L-Artikolu (13)(1)(j) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għas-sawrell (*Trachurus spp.*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet incidentalni annwali ta' daww l-ispeċijiet, li jinqabdu fis-sajd demersali mħallat, minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBB, TBN, TBS, TB, TX) fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2022.

- (34) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (35) L-STEFC innota d-diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni minħabba l-informazzjoni limitata disponibbli u rrikonoxxa li jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-isforzi biex tittejjeb is-selettività. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li huwa diffiċli li tittejjeb is-selettività għas-sawrell, mingħajr ma jiġi kkawżat telf kummerċjali sinifikanti għall-bastimenti li jistadu f'sajd imħallat bħal dan. Barra minn hekk, eżenzjonijiet simili għall-istess stokk ingħataw fl-Ilmijiet tal-Lbiċ sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (36) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li l-Kummissjoni taqbel magħhom, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023. Dan se jippermetti wkoll żmien biżżejjed biex jiġi ttestjat aktar titjib fis-selettività tal-irkaptu u tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħhom mill-flotot involuti f'dan is-sajd imħallat. L-Istati Membri huma mitluba jwettqu provi ġodda ta' selettività u jissottomettu informazzjoni rilevanti u aġġornata addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, biex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (37) L-Artikolu 13(1)(k) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għall-kavalli (*Scomber scombrus*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet inċidentali annwali ta' dik l-ispeċi, li tinqabad fis-sajd demersali mħallat, minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qieġh, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBB, TBN, TBS, TB, TX) fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES.
- (38) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (39) L-STEFC innota d-diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni minħabba l-informazzjoni limitata disponibbli u rrikonoxxa li jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-isforzi biex tittejjeb is-selettività. L-STEFC irrikonoxxa wkoll li huwa diffiċli li tittejjeb is-selettività għall-kavalli mingħajr ma jiġi kkawżat telf kummerċjali sinifikanti għall-bastimenti li jistadu f'sajd imħallat bħal dan. Barra minn hekk, eżenzjonijiet simili għall-istess stokk ingħataw fl-Ilmijiet tal-Lbiċ sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (40) Għar-raġunijiet mogħtija mill-STEFC, li magħhom taqbel il-Kummissjoni, jenħtieġ għalhekk li l-eżenzjoni tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023, li se tippermetti wkoll żmien biżżejjed biex jiġi ttestjat aktar titjib fis-selettività tal-irkaptu u tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħhom mill-flotot involuti f'dan is-sajd imħallat. L-Istati Membri huma mitluba jwettqu provi ġodda ta' selettività u jissottomettu informazzjoni rilevanti u aġġornata addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, biex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (41) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2022. Fit-28 ta' Lulju 2022 ġiet imressqa verżjoni riveduta tar-rakkomandazzjoni konġunta.
- (42) L-Artikolu 10(4)(a) u (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni tas-sopravivenza għolja għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES, u għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qieġh fis-subżona 8 tal-ICES, rispettivament.
- (43) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni ta' dawn l-eżenzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (44) L-STEFC analizza l-informazzjoni xjentifika u kkonkluda li l-Istati Membri tal-SWW jenħtieġ li jippruvaw itejbu d-data dwar il-qabdiet u jużaw il-kapaċità xjentifika konġunta tagħhom biex jiġbru d-data b'mod aktar sistematiku.
- (45) Minħabba l-evidenza mressqa fil-passat mill-Istati Membri tal-SWW dwar ir-rati ta' sopravivenza għar-raja kukù u l-ħtieġa li jitħalla biżżejjed żmien għat-tlestija ta' studju maħsub biex iżid l-għarfien xjentifiku dwar is-sopravivenza tar-raja kukù u li l-ewwel riżultati tiegħu huma mistennija fl-2023, dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jingħataw sal-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, l-għoti ta' dawn l-eżenzjonijiet se jiżgura konsistenza bejn l-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Ilmijiet tal-Lbiċ. L-Istati Membri tal-SWW huma mitluba jressqu r-riżultati ta' dawn l-istudji lill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, biex jappoġġaw l-evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.

- (46) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta' sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni tas-sopravivenza għolja għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bl-irkaptu artiġjanali *voracera* fid-diviżjoni 9a tal-ICES u għall-paġella ħamra li tinqabad bis-snanar u x-xliet fis-subżoni 8 u 10 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES.
- (47) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (48) L-STEFC irrieżamina l-informazzjoni xjentifika u kkonkluda li l-esperimenti ta' sopravivenza addizzjonali jenħtieġ li jipprovdu stimi ta' sopravivenza robusti.
- (49) Minħabba l-evidenza ppreżentata fil-passat mill-Istati Membri tal-SWW dwar ir-rati ta' sopravivenza u li l-esperimenti ta' sopravivenza addizzjonali x'aktarx jipprovdu stimi ta' sopravivenza robusti, din l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023 biex tippermetti t-tlestija tal-istudji. L-Istati Membri tal-SWW huma mitluba jressqu r-riżultati ta' dawn l-istudji lill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, biex jappoġġaw l-ewalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (50) L-Artikolu 14(1)(n) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta' sal-31 ta' Diċembru 2022 eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu (*Merlangius merlangus*) li jinqabad bl-għeżula fis-subżona 8 tal-ICES.
- (51) Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet estensjoni għal din l-eżenzjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (52) L-STEFC ikkonkluda li evalwazzjonijiet preċedenti jindikaw li l-qabdiet u l-qbid skartat tal-merlangu fis-sajd tal-għażel huma baxxi u li l-impatt tal-eżenzjoni fuq l-istokk tal-merlangu x'aktarx li huwa neglijibbli.
- (53) Minħabba l-evidenza mressqa fil-passat mill-Istati Membri tal-SWW dwar il-kostijiet sproorzjonati tal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa u l-istudji pplanati dwar is-selettività, din l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023. L-Istati Membri tal-SWW huma mitluba jressqu r-riżultati ta' dawn l-istudji lill-STEFC sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, biex jappoġġaw l-ewalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fir-rieżami tal-2023 tal-obbligu ta' ħatt l-art.
- (54) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitatiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Dan jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għal:

- fid-diviżjoni 7d tal-ICES, sa sitt mili nawtiċi mill-kosta iżda barra miż-żoni ta' tkabbir identifikati, għal qabdiet ta' lingwata komuni (*Solea solea*) taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jsiru b'irkapti li jkunu xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (kodiċijiet tal-irkaptu: OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja tal-manka ta' bejn 80 u 99 mm, minn bastimenti:
- li għandhom tul massimu ta' 10 metri u qawwa massima tal-magna ta' 221 kW; u
- li jistadu f'ilmijiet b'fond ta' 30 metru jew inqas u b'ħinijiet ta' rmunkar ta' mhux aktar minn disgħin minuta.
- fid-diviżjoni 7e tal-ICES, sa sitt mili nawtiċi mill-kosta iżda barra miż-żoni ta' tkabbir identifikati, għal qabdiet ta' lingwata komuni (*Solea solea*) taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jsiru b'irkapti li jkunu xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB) b'daqs tal-malja tal-manka ta' aktar minn 80 mm, minn bastimenti ta' inqas minn 12 m.”;

(2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għar-raja kukù:

- (a) li tinqabad bil-pariti fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu, mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa din l-eżenzjoni għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti. L-STEFC għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju 2023;
- (b) li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qieġ fis-subżona 8 tal-ICES. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa din l-eżenzjoni għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qieġ. L-STEFC għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju 2023.”;

(3) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bl-irkaptu artiġjanali *voracera* fid-diviżjoni 9a tal-ICES u għall-paġella ħamra li tinqabad bis-snanar u bix-xliet (kodiċijiet tal-irkaptu: LHP, LHM, LLS, LLD) fis-subżoni 8 u 10 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES.

2. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu, mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għall-paġella ħamra li tinqabad bis-snanar u bix-xliet fis-subżona 8 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES. L-STEFC għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2023.”;

(4) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qieġ u tartaruni b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew akbar (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBN, TBS, TB, TX), xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) u xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm fid-diviżjonijiet 7d sa 7e tal-ICES;”

(b) il-paragrafu 1, il-punt (c), huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw irkaptu TBB b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm mgħammra b'pannell Fjamming, biex jaqdbu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 7d sa 7h, 7j u 7k tal-ICES;”;

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (d), (g), (j) u (k) tal-paragrafu 1.”

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-eżenzjoni *de minimis* stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (l), għandha tkunu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2022.”;

(e) il-paragrafi 4 sa 7 huma mħassra;

(5) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-eżenzjoni *de minimis* stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (m), għandha tkunu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2022.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2291**tat-8 ta' Settembru 2022****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-eżaklorobenżen****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti ⁽²⁾ u skont il-Protokoll dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila ⁽³⁾.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, sew jekk waħedhom, sew jekk f'taħlitiet jew f'oġġetti, għandhom ikunu pprojbiti, soġġett għall-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.
- (3) L-eżaklorobenżen huwa elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 mingħajr valur ta' limitu ta' Kontaminant fi Traċċi Mhux Intenzjonat (UTC).
- (4) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex timmodifika entrati eżistenti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku.
- (5) Il-Kummissjoni ddeterminat il-preżenza tal-eżaklorobenżen bħala impurità f'xi sustanzi, taħlitiet u oġġetti, inklużi pestiċidi, solventi klorurati, linka, kisi, żebgħa u toners, fl-applikazzjoni tal-injam, fl-applikazzjoni tat-tessuti u fil-plastik.
- (6) Sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni legali u jiġi ffaċilitat l-infurzar fir-rigward tal-użu ta' sustanzi, taħlitiet jew oġġetti li fihom l-eżaklorobenżen bħala kontaminant fi traċċi mhux intenzjonat, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu UTC ta' 10 mg/kg (0,001 % skont il-piż) għall-eżaklorobenżen.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45.⁽²⁾ ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3.⁽³⁾ ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, fir-raba' kolonna ("Eżenzjoni speċifika fuq użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra") tal-entrata għall-eżaklorobenżen, jiddied it-test li ġej:

"Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-eżaklorobenżen ekwivalenti għal 10 mg/kg (0,001 % skont il-piż) jew inqas fejn ikun preżenti f'sustanzi, f'taħlitiet jew f'oġġetti."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)